TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

**Fit-Tribunal ghat-Talbiet Tal-Konsumaturi**

**Rikors Nru C.C.T 49/15/MS**

**Daryl Borg Cardona**

**vs**

**Roderick Bellizzi**

Illum 27 ta' April 2015.

It-Tribunal,

Ra t-talba tar-rikorrent tat-3 ta' Marzu 2015.

Ra illi sa l-ewwel gurnata tas-smigh, ghalkemm debitament notifikat, l-intimat ma dahhal ebda risposta.

Ra d-dokumenti kollha pprezentati, sema' lir-rikorrent u lil ommu Monica Borg Cardona; ha konjizzjoni tal-atti kollha tal-kaz.

**Ikkunsidra:**

Irrizulta mill-provi illi permezz ta' kwotazzjoni datata 24 ta' Gunju 2014, esebita fl-atti, l-intimat accetta illi jibni *goods lift* ghal rikorrent ghal prezz ta' €1,600. Ir-rikorrent, tramite ommu, hallas zewg depoziti ta' tlett mitt Euro (€300.00) l-wiehed, wiehed fit-12 ta' Lulju 2014 u iehor fid-29 ta' Lulju 2014 - b'total ta' sitt mitt Euro. (€600.00).

Illi, fuq dan l-appalt, l-intimat wahhal biss zewg serraturi, bil-valur ta' hamsin Euro. (€50.00). Mill-bqija tal-appalt ma sar xejn. Ir-rikorrent ipprova diversi drabi jikkkuntattja l-intimat, u dan weghdu li ser jaghmel ix-xoghol, pero dan qatt ma sar. L-ahhar kuntatt tar-rikorrent mal-intimat kien f'Jannar tal-2015. Peress illi l-intimat baqa' inadempjenti, ir-rikorrent istitwixxa dawn il-proceduri.

Illi ghalkemm it-talba qieghda ghal 600 mitt Euro (€600.00), ir-rikorrent irriduciha ghal hames mija u hamsin Euro (€550.00) peress illi ha in konsiderazzjoni tas-serraturi fuq imsemmijin.

Illi it-Tribunal ghalhekk, wara li sema' xhieda u anke fil-kontumacja tal-intimat jidhirlu li r-rikorrent ggustifika t-talba tieghu u konsegwentement jilqa' l-istess, jikkundanna lill-intimati li

jihallas is-somma ta' hames mija u hamsin Euro (€550.00) lir-rikorrent, bl-ispejjes kontra l-istess socjeta' konvenuta.

**Michela Spiteri LL.D**
**Arbitru**